MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 68/1995/1

**Gaetano u Anna konjugi Bartolo**

**v.**

**Tabib Dottor Godfrey Borg**

**Il-Qorti:**

**I IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-4 ta' Ottubru 2002, dwar incident awtomobilistiku li gara fl-10 ta' Mejju 1994, fi Triq Marsalforn, Ghawdex. Il-habta grat bejn karozza misjuqa mill-attur, it-tabib Dottor Godfrey Borg li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Marsalforn u l-karozza misjuqa mill-konvenuta Anna Bartolo, li kienet sejra fid-direzzjoni

opposta. F'dan l-incident iz-zewg vetturi involuti kellhom hsarat estensivi hafna. It-Tabib Borg u Anna Bartolo sofrew diversi feriti li anke kkagunawlhom debilita` permanenti.

2. Biex din il-Qorti tevita repetizzjonijiet inutili, sejra tirriproduci s-sentenza msemmija ta' l-ewwel Qorti kollha kemm hi, billi din tikkontjeni t-talbiet ta' l-atturi, l-eccezzjonijiet tal-kontroparti kif ukoll il-motivazzjonijiet li mxiet fuqhom l-ewwel Qorti sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet u d-decizjoni taghha. Is-sentenza tghid hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi fl-ghaxra (10) ta' Mejju 1994; l-attrici kienet qeghda ssuq vettura tat-tip "Honda Civic" (numru ta' registrazzjoni; H 6854), proprjeta` taghha u ta' l-attur, Gaetano Bartolo matul Triq Marsalforn u kienet sejra fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, Ghawdex;

"Illi l-attrici kienet qeghda ssuq l-istess vettura bi speed moderat, fil-karreggjata taghha u bid-diligenza kollha minnha rikjest mil-ligi;

"Illi meta l-attrici kienet qabzet il-hanut tal-frott li hemm f'nofs it-triq ta' Marsalforn, u kienet riesqa lejn it-traffic island, hija sfat investita proprju fil-karreggjata taghha minn vettura tat-tip "Subaru" (numru ta' registrazzjoni: U-3811) misjuqa mill-konvenut, Godfrey Borg, li kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'traskuragni grassa, b'speed eccessiv, b'manjiera perikoluza u fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata tieghu;

"Illi l-attrici malli ndunat li l-konvenut kien gej ghal fuqha, pruvat tiehu azzjoni evasiva billi tikser ghal fuq ix-xellug taghha pero` ma rnexxilhiex bir-rizultat li l-vettura minnha misjuqa sfat investita mill-vettura tal-konvenut;

"Illi ghalhekk l-istess incident awtomobilistiku gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut, it-Tabib Godfrey Borg, li huwa ghalhekk unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;

"Illi minhabba l-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, l-atturi soffrew hsarat ingenti fil-vettura taghhom (H-6854) li hija "beyond economical repair", kif ukoll l-attrici, Anna Bartolo sofriet debilitazzjoni permanenti fuq persuntha u precizament f'saqajha, kif jirrizulta mic-certifikat mediku hawn anness u markat bhala Dokument "A";

"Illi l-konvenut nonostante li gie interpellat ufficjalment sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema danni huwa sewwa materjali kif ukoll fi kwalita` ta' *lucrum cessans*, u telf tax-xoghol, dan baqa' inadempjenti.

"Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

"2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-istess atturi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwaltia` ta' lucrum cessans u telf tax-xoghol u dan okkorrendo permezz ta' perit li ghandu jigi nominat g hall-istess fini;

"3. Tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1994, u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

"Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Anna Bartolo.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:

"1. it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, ghaliex ir-responsabbilita` ghall-incident imsemmi hija unikament u esklussivament ta' l-attrici minhabba sewqan traskurat, u eccessiv da parti taghha; kif ukoll minhabba illi hija naqset illi tosserva r-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan taghha.

"2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu mahlufa.

"Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 1995, fejn l-avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace gie nominat bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-assistenza tal-kirurgu Mr. Carmel Sciberras bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar il-feriti li garrbu l-atturi f'dan l-incident.

"Rat ir-relazzjoni ta' l-istess esperti pprezentata fl-4 ta' Settembru 2000, u debitament mahlufa minnhom fit-22 ta' Mejju, 2001.

"Rat in-noti ta' kritika rispettivi tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali.

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' verbal tal-partijiet maghmul waqt is-seduta peritali tal-10 ta' Awissu 1995, huma qablu illi l-provi fil-kawza Citazzjoni Numru 89/1995 fl-ismijiet: "Tabib Dr. Godfrey Borg et. v. Geatano Bartolo et." quddiem din il-Qorti wkoll, kellhom jghoddu anke ghal din il-kawza.

"B'sentenza taghha ta' llum stess f'dik il-kawza, il-Qorti ddecidiet illi r-responsabbilita` ghall-incident stradali mertu

ta' dawn iz-zewg kawzi, kien tas-sewwieqa involuti ndaqs. Ghaldaqstant qed issir referenza shiha ghal dak li ntqal f'dik il-kawza dwar kif il-Qorti waslet ghal tali decizjoni.

"Li jibqa' ghalhekk x'jigi deciz fil-kawza prezenti jirrigwarda biss il-likidazzjoni tad-danni li sofrew l-atturi htija ta' din il-kollizjoni.

"A.  Danni attwali (*damnum emergens*):

"Il-perit legali llikwida ammont ta' Lm1,687 biex ikopri l-valur tal-karozza ta' l-atturi u l-ispejjez minfuqa f'kura ta' l-attrici (ara para. 39 - 41 tar-rapport peritali a fol. 60 - 61 tal-process).  Fuq dawn ma kien hemm ebda kummenti mill-partijiet, u l-Qorti wkoll thoss illi huma ripetibbli.

"B.  Telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*):

"L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras ikkwantifika d-debilita` permanenti li garrbet l-attrici konsegwenza ta' dan l-incident stradali f'percentagg pjuttost gholi ta' sebgha u ghoxrin fil-mija (27%).  Dan ma gie kontestat minn hadd u l-Qorti ma tistax ma toqghodx fuqu bhala opinjoni esperta.  Li gie kontestat mill-atturi huwa l-likwidazzjoni maghmula mill-espert legali bbazata fuq paga ta' erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) fis-sena. Fin-nota ta' kritika taghhom l-atturi esebew kopja fotostatika ta' *income tax assessment* mahruga mill-Australian Tax Office ghas-sena li ghalqet fit-30 ta' Gunju 1990, li minnha jidher illi f'dik is-sena l-attrici kellha introjtu ta' kwazi tletin elf dollaru Awstraljan (ara Dok. B a fol. 153).  Jargumentaw ghalhekk illi l-likwidazzjoni kellha ssir a bazi ta' dan l-introjtu u mhux dak stabbilit mill-perit legali.  Fid-deposizzjoni taghha quddiem il-perit legali, l-attrici kienet ghamlet referenza qasira ghall-assistenza li taghti lil zewgha fin-negozju ta' *carpet laying* meta kienu l-Awstralja.  Imma f'dak l-istadju tal-gbir tal-provi waqfet hemm u ma pproduciet ebda evidenza tal-qliegh taghha minn dan ix-xoghol.  Il-Qorti ghalhekk thoss illi m'ghandhiex taccetta provi ulterjuri permezz ta' semplici kopja fotostatika annessa ma' nota ta' kritika, li naqas ma giet konfermata bil-gurament mill-istess attrici u fi stadju

tal-kawza meta l-gbira tal-provi kien ilu li nghalaq. Di piu` lanqas ma kien hemm ebda indikazzjoni ta' prova illi l-atturi qatt ma kellhom l-intenzjoni jerghu jirritornaw l-Awstralja biex ikomplu f'dan it-tip ta' xoghol taghhom. Ghaldaqstant f'tali cirkostanzi hija l-fehma taghha illi l-likwidazzjoni maghmula mill-perit legali hija gustifikata u timmerita konferma (ara para. 42 - 43 tar-rapport peritali a fol. 61 - 2 tal-process). B'hekk jigi illi l-kumpens likwidat lill-attrici ghat-telf ta' qliegh futur, jammonta ghal Lm29,950.

"Ghalhekk b'kollox bejn danni attwali u telf ta' qliegh futur gew likwidati favur l-atturi l-ammont ta': Lm1,687 + Lm29,950
Total ta' 31,637

"Stante r-ripartizzjoni tar-responsabbilita` 50 : 50 kif inghad hawn fuq, nofs dan l-ammont igib is-somma ta':
Hmistax-il elf tmien mija u tmintax-il lira Maltija (Lm15,818).

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:

"(i) tiddikjara lill-attrici Anna Bartolo u l-konvenut tabib Dottor Godfrey Borg responsabbli t-tnejn indaqs ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza;

"(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti per konsegwenza ta' dan l-istess incident fis-somma ta' wiehed u tletin elf sitt mija sebgha u tletin lira Maltija (Lm31,637); u

"(iii) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nofs dan l-ammont u cioe` s-somma ta' hmistax-il elf tmien mija u tmintax-il lira Maltija (Lm15,818).

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1994, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut."

**<u>II L-APPELLI TAL-KONTENDENTI</u>**

3. Appella min din is-sentenza l-konvenut, tabib Dr Godfrey Borg, b'rikors ta' l-appellipprezentat minnu fit-23

ta' Ottubru, 2002. L-appellant sahaq li l-incident meritu tal-kawza gara tort unikament ta' Anna Bartolo u li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament gust tal-provi akkwiziti fil-process. Ghalhekk huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li l-incident meritu tal-kawza gara unikament tort ta' l-appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom.

4. L-atturi konjugi Bartolo opponew l-appell b'risposta pprezentata minnhom fit-8 ta' Novembru, 2003. Fl-imsemmija risposta taghhom huma sostnew li l-incident awtomobilistiku in kwisjtoni gara unikament b'tort tat-tabib Dr. Godfrey Borg. Huma ghalhekk inqdew bl-appell tal-konvenut biex *ai termini* tal-ligi intavolaw appell incidentali mill-imsemmija sentenza ta' l-ewwel Qorti, f'liema appell incidentali huma spjegaw dettaljatament it-tezi taghhom. Huma ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-appell incidentali taghhom billi tiddikjara li l-incident meritu tal-kawza gara tort unikament ta' l-istess konvenut Tabib Godfrey Borg, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. L-odjerna kawza mxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet **Tabib Dr Godfrey Borg u martu Silvana Borg v. Gaetano u Anna konjugi Bartolo** Citazzjoni Numru 89/95 Gozo, li kienet tirrigwarda l-istess incident awtomobilistiku meritu tal-kawza odjerna. B'sentenza moghtija llum stess fil-kawza l-ohra appena msemmija, din il-Qorti ddecidiet illi r-responsabbilita` ghall-incident stradali mertu tal-kawza kien taz-zewg sewwieqa involuti fih, indaqs bejniethom.

6. Il-Qorti nnotat li s-sottomissjonijiet li saru mill-kontendenti fir-rispettivi appelli taghhom dwar ir-responsabbilita` tal-habta kienu, tista' tghid, identici fiz-zewg kawzi. A skans ta' repetizzjonijiet inutili qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza bhala appendici kopja tas-sentenza fil-kawza citazzjoni numru 89/95 Gozo, sabiex il-parti rilevanti taghha li titratta dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-habta tkun tista' tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

7. Il-Qorti tinnota li r-rikors ta' l-appell tal-konvenut jikkoncentra biss fuq il-kwisjtoni tar-responsabbilita` tal-habta, billi jishaq li l-htija relattiva kellha tigi addossata biss lis-sewwieqa l-ohra cioe` lil Anna Bartolo. Il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut ma semma' xejn dwar il-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Qorti favur l-atturi konjugi Bartolo.

8. Anke dawn il-konjugi Bartolo jidher li ffukaw totalment fuq il-kwistjoni tar-responsabbilita` ta' l-incident awtomobilistiku in kwisjtoni f'dan l-appell incidentali taghhom. In fatti l-ewwel aggravju taghhom jikkontjeni sottomissjonijiet tendenti biex juru li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` ta' l-incident awtomobilistiku in kwisjtoni - kwistjoni issa sorpassata minhabba d-decizjoni mehuda llum stess minn din il-Qorti bis-sentenza fil-kawza l-ohra cioe` dik li ggib ic-citazzjoni numru 89/95 Gozo.

9. Fit-tieni aggravju kontenut fl-appell incidentali tal-konjugi Bartolo, huma sempliciment jirriproducu dak kollu li kienu ssottomettew fit-tielet aggravju fl-appell incidentali taghhom fil-kawza l-ohra appena msemmija cioe` dik b'citazzjoni numru 89/95 Gozo, bis-semplici zieda tas-segwenti kliem:
"Huwa sottomess bir-rispett li kellu jigi likwidat lilhom kellu jkun izjed."

10. Anke fil-kaz tal-konjugi Bartolo, l-appell incidentali taghhom ma jindika assolutament ebda raguni specifika li tista' tinduci lil din il-Qorti li tbiddel il-likwidazzjoni tad-danni li saret favur taghhom mill-ewwel Qorti. Evidentement kieku verament huma riedu lil din il-Qorti tezamina mill-gdid il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-ewwel Qorti, biex din il-Qorti tillikwidalhom ammont akbar, kien jispetta lilhom li jindikaw precizament u b'referenza ghall-provi, fejn u kif il-likwidazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet zbaljata u kif kellha, fil-fehma tagghom, tkun riformata din il-likwidazzjoni.

11. Mhux talli ma ghamlu xejn minn dan, talli fil-parti konkludenti ta' l-appell incidentali taghhom huma llimitaw ruhhom li jitolbu semplicement revoka tas-sentenza appellata (s'intendi refirribilment ghall-kwistjoni tar-responsabbilita` tal-habta) u minflok talbu li din il-Qorti "tiddikjara li l-incident meritu tal-kawza gara tort unikament ta' l-appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati". F'din il-parti konkludenti tar-risposta taghhom ta' l-appell li kienet, kif ghidna, tinkludi appell incidentali huma ma ressqu ebda talba biex din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata refirribilment ghal-likwidazzjoni tad-danni li saret fiha favur taghhom billi l-istess likwidazzjoni tad-danni tigi awmentata. Bhala talba din kienet assolutament necessarja jekk l-atturi riedu verament li jottjenu likwidazzjoni akbar minn din il-Qorti. Infatti is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) jiddisponi hekk:
"Ir-rikors ghat-tibdil tas-sentenza ghandu jkun fih referenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qed tigi appellata u ghandu jfisser, wiehed wiehed ghalih, il-kapi tas-sentenza li jsir ilment minnhom flimkien ma' ragunijiet dettaljati ghaliex ikun qieghed isir l-appell u, fl-gheluq tieghu, ghandu jinghad specifikatament, it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap."

12. Konsegwentement la l-appell principali tal-konvenut u lanqas l-appell incidentali ta' l-atturi ma hemm lok li jintlaqghu referibbilment ghall-kwisjoni tar-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku in kwisjtoni. Inoltre dwar il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni li l-ewwel Qorti tat favur il-konjugi Bartolo, iz-zewg appelli huma siekta.

13. Ghal dawn il-motivi, waqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad fil-kawza fl-ismijiet premessi fl-4 ta' Ottubru 2002, tichad l-appell principali tal-konvenut, bl-ispejjez kontrih, u tichad ukoll l-appell incidentali ta' l-atturi bl-ispejjez kontrihom.
Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet it-**Tabib Godfrey Borg u martu Silvana v. Gaetano u Anna konjugi Bartolo** (Citazzjoni Numru 89/95 Gozo) qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------